# JEKK....

*Ta'* K. Vassallo

Jekk tiskot għax jaqbel,
int b'ġifa tingħad;
jekk fehmtek bla biża'
tfissirha, tinbagħ'd.

Jekk tisma' u ma twieġeb,
tħassibhom ħażin;
jekk m'ieħor tħaqqaqha,
titgħallet fil-ħin.

Jekk tibla' kliem għajrek,
tittieħed b'mazzun;
jekk tiżnu bil-mehel,
jgħadduk ta' brikkun.

Jekk tgħid li mill-għadu
waqtiet ħabib agħar,
jixluk li qed toħlom
imqajjem bin-nhar.

Jekk tnewwaħ u tingħi
u tokrob u ssum,
igħarrquk f'baħar wegħdi
ta' ħolm bla mitmum.

Jekk tarfa' ftit rasek
u tfarfar ġwinħajk,
jgħajruk sfiq u kburi,
jaqtgħulek saqajk.

Titkasbar jekk turi
li int ma taf xejn;
jekk int turi xirfek,
tiddobba daqqtejn.

Jekk tkun twajjeb żejjed,
tinbidel f'tapit;
titmeżmżek il-kotra,
jekk xieref u mqit.

Jekk f'ħuk tbarri s-sifja
u ssiblu l-qamħ bnin,
bla siwi l-ħżuż tiegħek:
m'għandekx għalfiex fin.

Jekk tfaħħru wissawtu
b'kejl wieħed u qies,
tkun eqqel ix-xebgħa:
m'intix magħdud b'nies.

Jekk int f'qagħda tajba
li 'l sieħbek taqdih,
igħollik fuq il-bqija:
int anġlu għalih!

Jekk, iżda, int innifsek
b'setgħatek infdejt,
min mellsek ftit ilu
jgħallik f'borma żejt.

Jekk għommtok fil-beraħ
tistqarr, ilumuk;
jekk inti tistorha,
tarahom jixluk.

Jekk int tiftaħ qalbek
ma' sħabek, jaqluk;
jekk inti taħrabhom,
bil-kitba jilħquk.

Jekk tidħol fil-ġlieda,
taqlagħha bis-sħiħ;
jekk int tibqa' barra,
tkun ġifa u beżżiegħ.

Warajk jiġu jnemmsu
jekk toħroġ fit-trieq;
jekk tibqa' ġo darek,
tinfena bid-djieq.

Jekk tqim l-Ilsien Malti,
m'intix raġel bnin...
Tkun sbaqt lil Virġilju,
jekk ktibt bil-Latin!?

Jekk int m'intix Abjad,
jagħmluk Aħmar nar!...
Titħallel mal-Għonja!
Tirtifes mal-Fqar!

3. 9. 47.

Jistmerrek ta' l-Ewwel
mat-Tieni jekk tmur:
jekk tagħżel it-Tielet,
taqagħlek: Pinnur!

Jekk ħaj trid titqabad
biex tirbaħ għal dejjem
u titlef sa tmut,
hemm biss it-Tebut!